# Il-Ħadd 18.10.2020

1. Illum 18/10, **Jum il-Missjoni**:
   - Infakkar li qed nagħmlu Lotterija fuq iz-zuntier tal-knisja, u l-offerta tal-quddies tkun bil-għan li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità. Infakkru wkoll li rċevejtu bil-posta envelops apposta. Tistgħu tibgħatu l-offerta tagħkom lill-Uffiċċju Missjunarju jew tgħadduha hawn jew lill-Kappillan, bħalma soltu nagħmlu.
   - L-ACN (Aid to the Church in Need) qed tippromwovi l-Kampanja *"Miljun tifel u tifla madwar id-dinja jitolbu r-Rużarju għall-għaqda u l-paċi."* Għalhekk qed tistieden lit-tfal kollha biex xi ħin matul dan il-jum, mal-ġenituri/kustodji tagħhom, jingħaqdu flimkien ma' tfal minn madwar id-dinja kollha f'inizjattiva tat-talba tar-Rużarju għall-ftehim, l-għaqda, u l-paċi fid-dinja.

2. Il-Ħadd 25/10:-
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

3. Avviżi oħra:-
   - Illum 18/10, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikun hemm il-*Mobile Blood Donation Unit* maġenb il-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 210 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 240 bħala lotterija b'risq l-istess għan.
   - € 10 bħala donazzjonijiet b'risq l-istess għan.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-Missjonijiet. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.